



Werrej

#### II Atti mhux leġiżlattivi

##### DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1398 tal-10 ta' Settembru 2019 li taħtar tliet membri, proposti mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni** ..... 1
- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1399 tal-10 ta' Settembru 2019 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/909/UE fir-rigward tal-lista ta' żoni soġġetti għall-miżuri protettivi b'rabta mal-koleotteru tal-ġabsala fl-Italja (notifikata bid-dokument C(2019) 6418)<sup>(1)</sup>** ..... 3

#### III Atti oħrajn

##### ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

- ★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 84/2019 tad-29 ta' Marzu 2019 li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE [2019/1400]** ..... 5
- ★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 188/2019 tal-10 ta' Lulju 2019 li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE [2019/1401]** ..... 7
- ★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 190/2019 tal-10 ta' Lulju 2019 li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) u l-Anness XIX (Protezzjoni tal-konsumatur) tal-Ftehim ŻEE [2019/1402]** ..... 9

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

## Rettifika

- ★ Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1090 tas-26 ta' Ġunju 2019 li jikkonċerna n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva dimethoate, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 173, 27.6.2019) 11

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/1398

tal-10 ta' Settembru 2019

li taħtar tliet membri, proposti mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Taljan,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Jannar 2015, fil-5 ta' Frar 2015 u fit-23 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116 <sup>(1)</sup>, (UE) 2015/190 <sup>(2)</sup> u (UE) 2015/994 <sup>(3)</sup> li jahtaru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020. Fit-8 ta' Ottubru 2018, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1510 <sup>(4)</sup>, is-Sinjura Micaela FANELLI reġgħet inħatret bħala membru biex jittieħed kont tal-mandat il-ġdid tagħha.
- (2) Konsegwentement għal tmiem il-mandati tas-Sinjura Micaela FANELLI u tas-Sinjura Catuscia MARINI saru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat li abbażi tiegħu kien għe propost is-Sur Matteo Luigi BIANCHI (*Sindaco del Comune di Morazzone (VA)*), sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Huma b'dan maħturin bħala membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2020:

— Is-Sinjura Virginia RAGGI, *Sindaco di Roma Capitale*,

— Is-Sur Alberto CIRIO, *Presidente della Regione Piemonte*,

— Is-Sur Matteo Luigi BIANCHI, *Consigliere del Comune di Morazzone (VA)* (bidla fil-mandat).

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/116 tas-26 ta' Jannar 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠUL 20, 27.1.2015, p. 42).

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/190 tal-5 ta' Frar 2015 li taħtar il-membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠUL 31, 7.2.2015, p. 25).

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/994 tat-23 ta' Ġunju 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠUL 159, 25.6.2015, p. 70).

<sup>(4)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1510 tat-8 ta' Ottubru 2018 li taħtar żewġ membri, proposti mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠUL 255, 11.10.2018, p. 15).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussell, l-10 ta' Settembru 2019.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
T. TUPPURAINEN

---

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1399****tal-10 ta' Settembru 2019****li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/909/UE fir-rigward tal-lista ta' żoni soġġetti għall-miżuri protettivi b'rabta mal-koleotteru tal-ġabsala fl-Italja***(notifikata bid-dokument C(2019) 6418)***(It-test bit-Taljan biss huwa awtentiku)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar veterinarju applikabbli għall-kummerċ intra-Unjoni ta' ċertu annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/909/UE <sup>(3)</sup> stabbiliet ċerti miżuri protettivi li jeħtieġ jittieħdu mill-Italja wara l-okkorrenzi tal-koleotteru tal-ġabsala (*Aethina tumida*) f'ċerti żoni, oriġinarjament fir-reġjuni ta' Calabria u Sqallija. Wara l-iżviluppi epidemjoloġiċi f'dawn l-aħħar snin u wara d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/370 <sup>(4)</sup>, daww il-miżuri huma attwalment limitati għar-reġjun ta' Calabria.
- (2) Fil-21 ta' Ġunju 2019, l-Italja nnotifikat lill-Kummissjoni dwar okkorrenza ġdida tal-koleotteru tal-ġabsala fi Sqallija. B'konsegwenza ta' dan, il-lista taż-żoni soġġetti għall-miżuri protettivi previsti fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/909/UE jenħtieġ li tiġi estiża biex terġa' tinkludi r-reġjun ta' Sqallija.
- (3) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/909/UE tiġi emendata skont dan.
- (4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

It-tabella tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/909/UE hija sostitwita b'dan li ġej:

"Stat Membru	Żoni soġġetti għall-miżuri protettivi
L-Italja	Ir-Reġjun ta' Calabria: Ir-Reġjun kollu
	Ir-Reġjun ta' Sqallija: Ir-Reġjun kollu"

<sup>(1)</sup> ĠUL 395, 30.12.1989, p. 13.<sup>(2)</sup> ĠUL 224, 18.8.1990, p. 29.<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/909/UE tat-12 ta' Diċembru 2014 dwar ċerti miżuri protettivi fir-rigward tal-okkorrenzi konfermati tal-koleotteru tal-ġabsala fl-Italja (ĠUL 359, 16.12.2014, p. 161).<sup>(4)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/370 tal-1 ta' Marzu 2017 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/909/UE billi testendi l-perjodu ta' applikazzjoni ta' ċerti miżuri protettivi u temenda l-lista ta' żoni suġġetti għal miżuri protettivi fir-rigward tal-koleotteru tal-ġabsala fl-Italja (ĠUL 56, 3.3.2017, p. 213).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Settembru 2019.

*Għall-Kummissjoni*  
Vytenis ANDRIUKAITIS  
*Membru tal-Kummissjoni*

---

## III

(Atti oħrajn)

## ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 84/2019

tad-29 ta' Marzu 2019

li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE [2019/1400]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ fsuq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE <sup>(1)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2017/1129 iħassar id-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>, li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE u li għalhekk, bħala konsegwenza, għandha titħassar skont il-Ftehim ŻEE b'effett mill-21 ta' Lulju 2019.
- (3) Għalhekk, l-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness IX tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punt 29b (id-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) jitħassar b'effett mill-21 ta' Lulju 2019.
2. Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 29bc (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/301):

"29bd. **32017 R 1129:** Ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ fsuq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE (ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 ta' dan il-Ftehim, u sakemm ma jkunx provdut mod ieħor f'dan il-Ftehim, it-termini 'Stat Membru/i' u 'awtoritajiet kompetenti' għandhom jinftehmli li jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fir-Regolament, l-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, rispettivamente.
- (b) Referenzi għal atti oħrajn fir-Regolament għandhom jitqiesu rilevanti sal-punt u b'mod li daww l-atti jiġu inkorporati fil-Ftehim.

<sup>(1)</sup> ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12.

<sup>(2)</sup> ĠU L 345, 31.12.2003, p. 64.

- (c) Fl-Artikolu 9(3), il-kliem 'jew id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 84/2019 tad-29 ta' Marzu 2019, skont liema waħda tiġi l-aħħar' għandu jiddaħħal wara l-kliem 'il-21 ta' Lulju 2019'.
- (d) Fl-Artikolu 22(11), il-kliem 'id-dritt tal-Unjoni' għandu jiġi sostitwit bil-kliem 'il-Ftehim ŻEE'.
- (e) Fit-tieni sentenza tal-Artikolu 33(5), il-kliem 'jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA'.
- (f) Fl-Artikolu 34(1), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem 'u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA'.
- (g) Fl-Artikolu 35(2), il-kliem 'stipulat mill-Unjoni' għandu jiġi sostitwit bi 'tal-Ftehim ŻEE'.
- (h) Fit-tieni sentenza tal-Artikolu 37(3), il-kliem 'jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA'.
- (i) Fl-Artikolu 38(2)(d), il-kliem 'id-dritt tal-Unjoni' għandu jinqara 'dispożizzjonijiet tal-Ftehim ŻEE'.
- (j) Fl-Artikolu 46(3), il-kliem 'jew id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 84/2019 tad-29 ta' Marzu 2019, skont liema waħda tiġi l-aħħar' għandu jiddaħħal wara l-kliem 'il-21 ta' Lulju 2019'.
- (k) Fl-Artikolu 49(2) u (3), il-kliem 'jew id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 84/2019 tad-29 ta' Marzu 2019, skont liema waħda tiġi l-aħħar' għandu jiddaħħal wara l-kliem 'il-21 ta' Lulju 2019'.
- (l) Fl-Artikolu 49(2), il-kliem 'il-21 ta' Lulju 2018' u l-kliem 'l-20 ta' Lulju 2017' għandu jinqara 'id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 84/2019 tad-29 ta' Marzu 2019'."

#### Artikolu 2

It-test tar-Regolament (UE) 2017/1129 bl-Iżlandiż u bin-Norveġiż, li għandu jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

#### Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-30 ta' Marzu 2019 jew fil-jum ta' wara l-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim taż-ŻEE (\*), skont liema minnhom jiġi l-aħħar.

#### Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Marzu 2019.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Claude MAERTEN

---

(\*) Hemm indikati rekwiżiti kostituzzjonali.



**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 188/2019****tal-10 ta' Lulju 2019****li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE [2019/1401]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/979 tal-14 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-informazzjoni finanzjarja ewlenija fis-sommarju ta' prospett, il-pubblikazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-prospetti, ir-reklami għal titoli, is-supplimenti għal prospett, u l-portal ta' notifika, u li jħassar ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 382/2014 u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/301 <sup>(1)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980 tal-14 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-format, il-kontenut, l-iskrutinju u l-approvazzjoni tal-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 809/2004 <sup>(2)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/979 iħassar ir-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni (UE) Nru 382/2014 <sup>(3)</sup> u (UE) 2016/301 <sup>(4)</sup>, li huma inkorporati fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandhom jitħassru skont il-Ftehim ŻEE b'effett mill-21 ta' Lulju 2019.
- (4) Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/980 iħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 809/2004 <sup>(5)</sup>, li huwa inkorporat fil-Ftehim ŻEE, u li konsegwentement għandu jitħassar skont il-Ftehim ŻEE b'effett mill-21 ta' Lulju 2019.
- (5) Għalhekk, l-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 29bd (ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE:

"29bda. **32019 R 0979:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/979 tal-14 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-informazzjoni finanzjarja ewlenija fis-sommarju ta' prospett, il-pubblikazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-prospetti, ir-reklami għal titoli, is-supplimenti għal prospett, u l-portal ta' notifika, u li jħassar ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 382/2014 u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/301 (ĠU L 166, 21.6.2019, p. 1).

29bdb. **32019 R 0980:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980 tal-14 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-format, il-kontenut, l-iskrutinju u l-approvazzjoni tal-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 809/2004 (ĠU L 166, 21.6.2019, p. 26)."

<sup>(1)</sup> ĠU L 166, 21.6.2019, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 166, 21.6.2019, p. 26.

<sup>(3)</sup> ĠU L 111, 15.4.2014, p. 36.

<sup>(4)</sup> ĠU L 58, 4.3.2016, p. 13.

<sup>(5)</sup> ĠU L 149, 30.4.2004, p. 1.

2. It-testi tal-punti 29ba (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 809/2004, 29bb (ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 382/2014) u 29bc (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/301) tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE għandhom jitħassru b'effett mill-21 ta' Lulju 2019.

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti Delegati (UE) 2019/979 u (UE) 2019/980 bl-Iżlandiż u bin-Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2019, bil-kundizzjoni li jkun saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (\*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2019.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Gunnar PÁLSSON

---

(\*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 190/2019****tal-10 ta' Lulju 2019****li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) u l-Anness XIX (Protezzjoni tal-konsumatur) tal-Ftehim ŻEE [2019/1402]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 <sup>(1)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Għalhekk, l-Annessi IX u XIX tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness IX tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 31k (ir-Regolament (UE) 2015/751 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"31k. **32016 R 1011:** Ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 (ĠU L 171, 29.6.2016, p. 1).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 ta' dan il-Ftehim, u sakemm ma jkunx provdut mod ieħor f'dan il-Ftehim, it-termini 'Stat(i) Membru/i' u 'awtoritajiet kompetenti' għandhom jinftiehem li jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fir-Regolament, l-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, rispettivament.
- (b) Fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 46(4), fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 46(10) u fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 46(11), il-kliem 'jew skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA'.
- (c) Fl-Artikolu 46(10), il-kliem 'id-dritt tal-Unjoni' għandu jiġi sostitwit bil-kliem 'dispożizzjonijiet tal-Ftehim ŻEE'.
- (d) Fl-Artikolu 47(1), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem 'u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA'.
- (e) Fl-Artikolu 48(3), il-kliem 'stipulat mill-Unjoni' għandu jiġi sostitwit bil-kliem 'tal-Ftehim ŻEE'."

*Artikolu 2*

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 7h (id-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XIX tal-Ftehim ŻEE:

"— **32016 R 1011:** Ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 (ĠU L 171, 29.6.2016, p. 1)."

*Artikolu 3*

It-test tar-Regolament (UE) 2016/1011 bl-Iżlandiż u bin-Norveġiż, li għandu jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandu jkun awtentiku.

<sup>(1)</sup> ĠU L 171, 29.6.2016, p. 1.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-11 ta' Lulju 2019, jew fil-jum ta' wara l-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (\*), liema minnhom jiġi l-aħħar.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2019.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Gunnar PÁLSSON

---

(\*) Hemm indikati rekwiżiti kostituzzjonali.

**RETTIFIKA**

**Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1090 tas-26 ta' Ġunju 2019 li jikkonċerna n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva dimethoate, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 173 tas-27 ta' Ġunju 2019)

Fpaġna 40, fil-premessa 15,

*minflok:* "mis-17 ta' Ottubru 2019",

*aqra:* "mit-30 ta' Settembru 2019";

*minflok:* "mis-17 ta' Lulju 2020",

*aqra:* "mit-30 ta' Ġunju 2020".

Fpaġna 41, fl-Artikolu 3,

*minflok:* "mis-17 ta' Jannar 2020",

*aqra:* "mill-31 ta' Diċembru 2019";

Fpaġna 41, fl-Artikolu 4,

*minflok:* "mis-17 ta' Ottubru 2019",

*aqra:* "mit-30 ta' Settembru 2019";

*minflok:* "mis-17 ta' Lulju 2020",

*aqra:* "mit-30 ta' Ġunju 2020".

---





ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**  
2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

**MT**